## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 79/2022: FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NRU. 3423/2021 FL-ISMIJIET: **CARMELO SIVE CHARLES BIANCO (KI. 44368M) GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA' WESTERN COMPANY LTD. (C19994) V. SIMON SOLER (KI. 355076M)**

(REVOKA TA' ATT EZEKUTTIV – ART. 281, KAP. 12)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10 ta' Marzu 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Simon Soler (hawn imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fl-1 ta' April 2022 kif sussegwentement sostwitit[1] li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Premess illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-ittra ufficjali bin-numru 3423/21 li saret nhar it-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena 2021 fl-ismijiet Carmelo sive Charles Bianco (K.I. 44368M) ghan-nom tas-socjeta' Western Company Ltd kontro l-esponenti Simon Soler tigi rexissa u tigi dikjarata nulla u bla effett. Kopja ta' din l-ittra ufficjali qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument A**.

[1] Fol 1-12

2. U Billi l-esponenti gie nnotifikat bl-isemmija ittra ufficjali fil-hamsa (5) ta' Jannar 2022 u dan sabiex ihallas is-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u hamsin ewro (**€14,950**) liema somma, skond l-intimat, hija dovuta ai termini ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn l-istess kontendenti datat 8 ta' Mejju 2012 (hawn anness u mmarkat bhala **Dokument B**), liema pretenzjonijiet kienet qed tigi reza ezekuttiva permess ta' l-att premess.

3. U Billi l-pretenzjoni hija ghal kollox skoretta u infondata fil-fatt u fid-dritt billi skond l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu anness ma l-istess ittra ufficjali, id-debitu jammonta ghall-hames telef u hames mitt ewro (**€5500**) biss u kellhu jithallas lura **minghajr imghax.**

4. U Billi l-ittra ufficjali kienet l-ewwel interpellazzjoni li saret lill-rikorrenti sabiex ihallas.

5. U Billi inoltre u fi kwalsiasi kaz, l-esponenti kien ghamel diversi pagamenti lill-intimati u ghad fadal biss bilanc dovut mill-ammont originali ta' €5500

6. U Billi ghalhekk din l-ittra ufficjali ma hix korretta ghaliex id-dejn imsemmi mill-intimat fl-ittra mibghuta minnu huwa zbaljat u jissupera dak li huwa verament dovut mir-rikorrenti.

7. U Billi ghalhekk is-socjeta' intimata ghandha tigi prekluza milli tohrog xi mandat ezekuttiv fil-konfront tal-esponenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tirrixxindi u tiddikjara nulla u bla effett l-ittra ufficjali bin-numru 3423/21 ipprezentata nhar it-30 ta' Dicembru tas-sena 2021 fl-ismijiet Carmelo sive Charles Bianco (K.I. 44368M) ghan-nom tas-socjeta' Western Company Ltd kontro l-espoenti Simon Soler.

2. Tiddikjara li l-ammont imsemmi fl-imsemmija ittra ufficjali numru 3423/21 ma huwiex dovut mill-esponenti stante li s-somma indikata fl-imsemmija ittra ufficjali ma jirriflettix is-somma ta' dejn patwita mill-esponenti mas-socjeta' intimata.

B' riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent ai termini tal-ligi

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata

wara li rat ir-risposta ta' Carmelo sive Charles Bianco għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta Western Company Ltd[2] (hawn imsejjaħ ukoll "l-intimat") ppreżentata fid-19 ta' Mejju 2022 li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

1. Illi preliminarjament, l-attur għandu jiddikjara taħt liema artikolu qed issir il-kawża odjerna għaliex l-unika artikolu li jitkellem dwar il-possibilita' li tiġi annullata ittra uffiċjali huwa l-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 li kjarament ma japplikax għall-każ odjern.

2. Illi preliminarjament ukoll, l-ewwel żewġ talbiet attriċi huma rritwali u ma jistgħux jiġu akkolti u dan minħabba illi huwa l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 8 ta' Mejju 2012 iffirmat bejn il-kontendenti li huwa titolu eżekuttiv u mhux l-ittra uffiċjali imsemmija mill-attur u dan kif jiddisponi l-artikolu 253 tal-Kap. 12. L-ittra uffiċjali sempliċiment trendi t-titolu eżekuttiv in kwistjoni eżegwibbli. Dak li kellu jitlob l-attur huwa n-nullita' tat-titolu eżekuttiv.

3. Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan stante illi m'hemm l-ebda użura u l-ammont indikat fl-ittra uffiċjali numru 3423/21 għadu verament dovut.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

wara li semgħet ix-xhieda u qrajt it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmulha bil-fomm fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2025 għan-nom:

- tar-rikorrent mill-Avukat Dr. Rose Galea Testaferrata, u
- tal-intimat mill-Avukat Dr. David Camilleri.

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. F'din il-kawża r-rikorrent qed jitlob lill-Qorti tirrevoka l-ittra uffiċjali bin-numru 3423/2021 li nħarġet kontrih mill-intimat[3] fit-30 ta' Diċembru 2021. Din l-ittra uffiċjali kienet ġiet ippreżentata ai termini tal-Art. 256(2) tal-Kap. 12 sabiex trendi

---

[2] Fol 12
[3] Fol 33

eżegwibbli t-titolu eżekuttiv ottjenut skont l-Art. 253(b) tal-Kap. 12 ossia l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dr. Charmaine Sant datat 8 ta' Mejju 2012[4].

2. F'dan ir-rigward l-artikoli in kwistjoni jaqraw kif ġej:

Art. 253(b)

**'253. Huma titoli esekuttivi:**
**...**
**(b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt'**

Art. 256(2)

**'(2) L-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv ieħor ma tistax issir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju.'**

3. L-artikolu tal-liġi li taħtu nfetħet din il-proċedura huwa l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jaqra kif ġej:

**'281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.**

**(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:**

**Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.**

**(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.**

---

[4] Fol 35

**(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.**

**(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.'**

4. Din il-proċedura speċjali u eċċezzjonali hija intiża biss sabiex jintalab it-tħassir, mill-persuna eżekutata jew minn persuna oħra interessata, ta' **<u>att eżekuttiv</u>** li jkun inħareġ.

5. Issa skont l-Art. 273 tal-Kap. 12, l-atti eżekuttivi fil-kodiċi ta' proċedura ċivili tagħna huma s-segwenti:

**'273. L-atti illi bihom, skont ma jkun il-każ, tista' ssir l-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 253 huma:**

**(a) il-mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ mobbli;**
**(b) il-mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli;**
**(ċ) mandat ta' qbid ta' azjendi kummerċjali;**
**(d) il-bejgħ fl-irkant bil-qorti ta' ħwejjeġ mobbli jew immobbli jew ta' jeddijiet imgħaqqdin ma' immobbli;**
**(e) il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv;**
**(f) il-mandat ta' żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli;**
**(g) il-mandat in factum;**
**(h) il-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar;**
**(i) il-mandat ta' arrest ta' inġenji tal-ajru;**
**(j) il-mandat in procinctu;**
**(k) mandat ta' żgumbrament jew ta' tkeċċija minn bċejjeċ tal-baħar jew inġenji tal-ajru.'**

6. Għalhekk jidher ċar li t-talba għat-tħassir tal-ittra uffiċjali in kwistjoni hija legalment insostenibbli taħt din il-proċedura u ma tistax tiġi akkolta stante illi din il-proċedura hija intiża biss għar-rexissjoni ta' atti eżekuttivi (ossia l-mandati eżekuttivi) u mhux ta' titoli eżekuttivi jew ta' xi atti oħra li jkunu ġew intavolati sabiex jrenduhom eżegwibbli. Jeżistu rimedji oħra sabiex debitur li jkun rinfaċċjat b'titolu eżekuttiv li jħoss li jkun inħareġ b'mod żbaljat jew li altrimenti jħoss li jkun ġie reż eżegwibbli b'mod żbaljat, jattakka s-siwi u l-validita' ta' dak it-titolu eżekuttiv jew l-att

ġudizzjarju li rendih eżegwibbli – **<u>iżda ċertament mhuwiex dan l-Art. 281 tal-Kap. 12 li jipprovdi tali rimedju</u>**.

7. Għal kull bwon fini jingħad illi mill-atti jirriżulta illi t-talba mill-intimat għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (u allura l-att eżekuttiv) sabiex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu (mandat numru 768/2022) kienet ġiet miċħuda minn din il-Qorti, diversement presjeduta, permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' April 2022 meta dakinhar il-Qorti qalet is-segwenti:

> **"Billi ma jirriżultax li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li ġie reż eżekuttiv bis-saħħa tal-ittra uffiċjali msemmija fir-rikors, m'huwiex dwar kreditu fis-somma ta' € 14,950 kif pretiż fl-ittra uffiċjali, iżda dwar kreditu fis-somma ta' € 5,500, dan ifisser li m'hemm l-ebda titolu eżekuttiv għal *sorte* fis-somma ta' € 14,950 u konsegwentement, tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat kif mitlub"**

8. Din il-proċedura kienet tkun tista' tintuża mir-rikorrent sabiex jattakka l-validita' tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv li kieku nħareġ mill-Qorti, iżda ma tistax tintuża sabiex tintalab ir-rexissjoni la tat-titolu eżekuttiv u lanqas ta' xi att ieħor li ma jaqax taħt wieħed mill-lista ta' atti eżekuttivi elenkati fl-Art. 273.

9. Dwar it-tieni talba tar-rikorrent, ossia dik illi l-Qorti tiddikjara li l-ammont imsemmi fl-ittra uffiċjali in kwistjoni m'huwiex dovut lill-intimat, din ukoll hija stedina lill-Qorti sabiex tistħarreġ il-validita' o meno tat-titolu eżekuttiv in kwistjoni. Għalhekk u għall-istess raġunijiet fuq indikati, din it-tieni talba ukoll ma tistax tintlaqa'.

**Deċiżjoni**

10. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |